**160. Is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Suq tal-Proprjetà, l-Onor. Chris Agius f'isem il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, ippropona:-**

Billi wara talba magħmula fl-2012 mis-Sur Michael Stivala, f'isem konsorzju, bl-isem ta' "Hotels Consortium Sliema Strand Lido", magħmul minn erba' kumpanniji, li joperaw lukandi fl-inħawi, li huma Stivala Operators Ltd, Marketing and Consulting Ltd, Strand Holdings Ltd u The Waterfront Hotel Ltd, u li bejniethom qed jiffurmaw kumpannija, bl-isem ta' Sliema Creek Lido Ltd, li ser tkun qed tidher fuq il-kuntratt ta' enfitewsi, sabiex tiżviluppa fix-Xatt ta' Tas-Sliema, tul il-*waterfront* Sliema/Gżira, hekk kif murija fuq PD 2015_1093 u dan sabiex isir lido. Dan il-konsorzju huwa s-sid tal-erba' lukandi li jinsabu fil-viċin, li huma Bayview Hotel & Apartments, 115 The Strand Aparthotel, Kennedy Nova Hotel u l-Waterfront Hotel;

L-imsemmi żvilupp huwa maħsub sabiex iżid il-faċilitajiet għal-lukandi u *hostels* li jinsabu fil-qrib kif ukoll sabiex itejjeb u jsebbaħ il-*promenade* f'Tas-Sliema/Gżira. Dan il-proġett huwa ta' benefiċċju għat-turiżmu f'Malta peress li barra li jipprovdi ambjent isbaħ u aħjar, kemm għat-turisti kif ukoll għan-nies tal-lokal, ser jagħti wkoll il-faċilità li jkun jista' jiġi pprovdut prodott aħjar għat-turiżmu f'Malta;

Billi l-konsorzju msemmi kiseb permess mill-Awtorità tal-Ippjanar (*Outline Development Permission* - PA/0573/06) u sussegwentement inħareġ *Full Development Permit* bin-numru PA/03932/15 fit-30 ta' Ġunju 2016, u li t-Taqsima Proprjetà tal-Gvern kienet tat il-*clearance in principle* għall-applikazzjoni relattiva quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) ta' artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi dan it-trasferiment ġie approvat mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet fis-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Marzu 2018, wara li sar l-għarbiel meħtieġ u rakkomandat li jinnotifika lill-Ministru sabiex jissokta b'riżoluzzjoni Parlamentari u liċ-CEO biex jidher fuq il-kuntratti relatati;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-proprjetà kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-kuntratt li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, tiġi mogħtija b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal żmien ta' 65 sena, liema enfitewsi tiġi mogħtija bil-ħlas ta' ċens ta' ħamsin elf ewro (€50,000) għall-ewwel tliet (3) snin, u mija u ħamsin elf ewro (€150,000) għad-disa' (9) snin li jmiss. Wara tnax-il (12) sena ssir reviżjoni taċ-ċens skont kif indikat fl-abbozz hawn mehmuż.

04.07.2018